22003D0061

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 61/2003

tas-16 ta' Mejju, 2003

li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Anness XXI tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 17/2003 tal-31 ta' Jannar 2003 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2104/2002 tat-28 ta' Novembru 2002 li tadatta ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 fuq l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ibbażat fuq kampjun tal-forza tax-xogħol fil-Komunità u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1575/2000 li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 sa fejn il-lista tal-varjabbli ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ u l-kodifikazzjoni tagħhom li se tintuża għat-trasmissjoni tad-data mill-2003 'il quddiem huma kkonċernati, ([2]) għandhom jiġu inkorporati f'dan il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XXI ta' dan il-Ftehim għandi jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 18a (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98):

"– **32002 R 2104**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2104/2002 tat-28 ta' Novembru 2002 (ĠU L 324, tad-29.11.2002, p. 14)."

2. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara 18a (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1897/2000):

"18ac. **32002 R 2104**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2104/2002 tat-28 ta' Novembru 2002 li jadatta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 fuq l-organizzazzjoni ta' stħarriġ kampjun tal-forza tax-xogħol fil-Komunità u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1575/2000 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 sa fejn il-lista tal-varjabbli ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ u l-kodifikazzjoni tagħhom li se tintuża għat-trasmissjoni tad-data mill-2003 'il quddiem huma kkonċernati (ĠU L 324, tad-29.11.2002, p. 14)."

([1]) ĠU L 94, ta' l-10.4.2003, p. 76.
([2]) ĠU L 324, tad-29.11.2002, p. 14.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1991/2002 fl-ilsna ta' l-Islanda u n-Norveġja, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment mal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-17 ta' Mejju 2003, sakemm ikunu saru n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*) in-Norveġja se tapplika l-miżuri meħtieġa biex tikkonforma mad-dispożizzjoni tad-Direttiva mit-23 ta' Diċembru 2003.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ZEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Mejju 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) L-ebda ħtiġiet kostituzzjonali huma indikati.